

Brussell, 2 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10002/23

ENT 114
MI 467
CHIMIE 49
COMPET 554
IND 271
CONSOM 197
SAN 335
ENV 603
DELECT 71

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	ST 8712/23 + ADD 1 - C(2023) 2672
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tal-25.4.2023 li jemenda, għall-finijiet tal-adattament tiegħu għall-progress tekniku u xjentifiku, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet fir-rigward taż-żieda ta' noti fil-Parti 1, it-Taqsima 1.1.3 tal-Anness VI - Intenzjoni li ma jitqajmux oġġezzjonijiet għal att delegat

1. Fil-25 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat l-abbozz ta' att delegat imsemmi hawn fuq lill-Kunsill f'konformità mal-Artikolu 53(1) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 (ir-Regolament CLP)¹.

¹ Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar, u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1). Il-verżjoni konsolidata attwali hija tal-20/04/2023.

2. Għall-partijiet mhux komuni ta' sustanza, huwa meħtieġ li jiġi vvalutat jekk il-proprjetajiet perikolużi tagħhom jistgħux jiġġustifikaw klassifikazzjoni aktar severa jew usa' għall-istess klassi ta' periklu. Għalhekk jenħtieġ li tizzied nota X ġdida fil-Parti 1, it-Taqsima 1.1.3.1, tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li fil-futur dik in-nota x'aktarx tiġi attribwita lil sustanzi oħra li għandhom l-istess proprjetajiet, hija għandha tiġi fformulata b'mod li ma tkunx limitata għal dik l-entrata speċifika. Żewġ noti ġodda, 11 u 12, għandhom jiżdiedu wkoll fil-Parti 1, fit-taqsima 1.1.3.2 tal-Anness VI biex jippermettu identifikazzjoni aktar preċiża tal-periklu ta' taħlitiet li fihom diversi sustanzi li jappartjenu għall-istess "entrata fi grupp" minħabba t-tossiċità riproduttiva tagħhom.
3. Il-Kunsill kellu sat-30 ta' Mejju 2023 biex joġġezzjona jew jitlob estensjoni. L-ebda delegazzjoni ma għamlet kummenti sad-data stabbilita.
4. F'dan l-isfond, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' jistieden lill-Kunsill jikkonferma n-nuqqas ta' oppożizzjoni għall-att delegat, kif jinsab fid-dokument ST 8712/23 + ADD 1 bħala punt mingħajr diskussjoni f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, u li l-Kummissjoni u l-Parlament Ewropew għandhom jiġu infurmati b'dan. Dan jimplika li, dment li l-Parlament Ewropew ma joġġezzjonax, l-att delegat għandu jiġi ppubblikat u adottat wara s-26 ta' Ġunju 2023, f'konformità mal-Artikolu 53a tar-Regolament 1272/2008.